# Il-Linef tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun

**Brian Grech**

Il-Knisja Parrokkjali u Arċipretali taż-Żejtun taħt-it-titlu ta' Santa Katerina ta' Lixandra Verġni u Martri hija waħda mill-Knejjes sbieħ li għandna f'pajjiżna fejn tidħol l-arkitettura.

Fost l-oġġetti ta' preġju li kienet tgawdi din il-knisja fil-jiem tal-festi l-kbar kien is-sett linef tal-ħġieġ li kienu jintramaw taħt in-navi u fil-kappelluni, kif ukoll waħda mdaqqsa għan-nofs biswit il-lampier. Il-linef taż-Żejtun kienu minn dawk imlaqqmin ***xkora*** għall għamla tagħhom - speċjalmet fin-naħa t'isfel - ta' xkora.

Dawn it-tip ta' linef kienu bdew isiru x'aktarx lejn l-ewwel nofs tas-seklu dsatax prinċipalment biex idawwlu l-knisja bix-xema' fil-jiem tal-festi. Minn xi ritratti antiki, meta kienu għadhom ma ġewx installati bl-elettriku, tara magħhom xemgħat twal sal-fjokk biex isservu għal jiem kollha tal-festa. F'xi wħud minnhom bħal dawk tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla għadek sal-lum issib fihom qtar tax-xema. Kienu jsiru Malta, ħafna drabi mill-frajiet ta diversi Ordnijiet Reliġjużi, l-aktar il-Karmelitani u l-Agostinjani. F'xi kunventi antiki għadek issib xi kamra mlaqqma ***l-kamra tal-linef.*** X'aktarx li fiha kienu jiġu msensla dawn il-linef.

Il-materjal tagħhom ma kienx ikun tal-kristall kif fil-fatt jagħtuk x'tifhem meta tarhom. Huma magħmulin minn ħġieġ ***immullat*** li kollu kien jigi maħdum bl-idejn. Minn xi biċċiet minnhom li ġew f'idejja wieħed jista jara li huma magħmulin minn ħġieg reċiklat, mimli bżieżaq minn ġewwa. Tant kienu jimmullawhom tajjeb li meta

jolqothom id-dawl kienu jkanġu bħal kristall. Kienu jikkonsistu f'eluf ta' biċċiet li kollha kien ikollom il-laqam tagħhom bħal ngħidu aħna, ***fazoletti, ċippi, trijangli, kwadretti, djamanti, żibeġ u lapsijiet*** li dawn kienu jiġu msensla u marbuta flimkien biex jiffurmaw ***ċfuf, qrejjen, funtani, purtieri, dbielet cintorini*** eċċ. Li mbagħad jagħmlu l-linfa. Il-ħġieġ kien jinħadem Malta x'aktarx f'Birkirkara *

S'issa taż-Żejtun ma nafux min għamilhom, imma żgur li kien hawn diversi oħrajn bħalhom li uħud għadhom jeżistu, bħal ma huma dawk tal-fratellanza tal-kurċifiss ta' Bormla. Minn ritratti antiki li ġew f'idejna wieħed jista jara ċar dan ix-xebħ.

Mhux darba u tnejn dawn il-linef li huma delikati ħafna, kienet issirilhom ħsara meta jintramaw u jerġgħu jitneħħew bil-parank wara li tgħaddi il-





festa. Meta imbagħad daħal l-elettriku, tneħħiet ix-xema' u saru pajpijiet tal-landa miżbughin bojod u bil-bozoz fihom bħallikieku xema'

Ħafna aktar tard imbagħad meta daħal l-elettriku f'Malta bdew isiru li-nef fuq stil ġdid magħmulin biex jixgħelu bl-elettriku, bħal dawk tal-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq.
Dawn mid-dehra bdew jintgħoġbu minn xi Żwieten u tħajru jalteraw il-linef l-antiki biex jiġu fuq dan l-istil, imma sfortunatament ma rnexxewx. Fis-snin sittin il-linef l-antiki u li kienu ta' preġju kbir kienu żżarmaw u nbidlu għal kollox fil-għamla tagħhom.
Ix-xewqa kienet li l-Knisja taż-Żejtun jerġa' jkollha d-dehra sabieħa li kellha qabel bil-linef l-antiki u ma kienetx xi ħaġa mpossibbli li dan iseħħ. Patri Martin Borg dar il-linef u fliehom waħda waħda, sabiex għamel ir-rapport tal-Kurja biex isir ir-Rikors. F'dan ir-rapport Patri Martin kiteb li mis-sitt linef li kienu saru ma' kienx hemm waħda bħall-oħra. Patri Martin Borg kien għadu kif lesta seba' linef ta' dan it-tip għal knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla u restawra tlieta oħra tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla.
Wara li sar ir-rikors u dan ġie approvat seta' jibda x-xogħol fuq dawn il-linef li għandna issa.

Xogħol li sar fuq il-linef tal-knisja taż-Żejtun kien jikkonsisti:

- Żarmar tal-linef minn kif kienu dan l-aħħar.
- Għażla tal-ħġieg l-antik u tneħħija ta' dak li kien sar fis-sittinijiet li uħud minnu kien tal-***plastik***.
- Tindif ta' l-istess ħġieġ.
- Sensil mill-ġdid bil-wire tar-ram ***silver plated***.
- Fl-aħħar reġa sar mill-ġdid il-mudell kif kien, u kollox intrama mill-ġdid, minn flok ir-ram li kien jintuża qabel għal qafas, illum ġie użat l-***istainless steel***.

Billi ħġieġ ma kellniex biżżejjed, kemm għaliex il-linef l-antiki kienu kemm xejn ċkejknin u kemm għaliex ħafna minnu kien tneħħa fit-tibdil li kien sar, kellna nqabblu l-ħġieġ biex inkunu nistgħu nibnu mill-ġdid dawn il-linef kif kienu qabel bid-differenza li dawn issa saru ftit akbar biex ikunu proporzjonati mal-korsija tal-knisja. Il-bċejjeċ ġodda tal-ħġieġ saru identiċi mal-antiki go fabbrika barra

minn Malta.



Ix-xogħol jieħu ħafna fit-tul għaliex kollox isir bl-idejn żibġa wara l-oħra imma sar kollu b'mod volontarju. Permezz ta'dawn il-linef il-Knisja taż-Żejtun qed terġa tieħu d-dehra sabiħa li kellha qabel, fil-jiem tal-festa tal-Patruna Santa Katerina V.M.

Wara ħames snin ħidma mingħajr waqfien, irnexxilna nlestu l-linef tal-korsija kollha. Jekk Alla jrid, din is-sena ser inżanżnu waħda miż-żewġ linef il-kbar tal-kappelluni, li hija twila iktar minn ħames metri u nofs u wisgħa żewġ metri u tletin ċentimetru.

** tagħrif mogħti minn Fra Karm Azzopardi O.Carm li kien wieħed mill-frajiet li kienu jaħdmu dawn il-linef fil-Kunvent tal-Karmnu tal-Belt.*